Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,088, 19 ta' Lulju, 2023
Taqsima B

A.L. 176 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Digital Marketing Communication – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2023 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Digital Marketing Communication – M.A. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Digital Marketing Communication – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 173 tal-2022, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-applikanti kollha għandhom juru esperjenza relevanti ta' xogħol fil-marketing communication u/jew fid-digital marketing communication li l-Bord iqis bħala xierqa."

4. Il-paragrafi (3) u (4) li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-paragrafu (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali:

"(3) L-applikanti kollha jkunu jeħtieġu li mal-applikazzjoni tagħhom jissottomettu ittra li fiha jagħtu l-motivazzjoni tagħhom l-għala qegħdin japplikaw għall-Kors, u barra minn hekk ikunu meħtieġa jattendu għal intervista li tassessja l-addattabilità tagħhom sabiex isegwu l-Kors bi profitt.

(4) Il-bord tal-intervisti għandu jkun magħmul mill-inqas minn tliet membri maħtura mill-Bord għal dan il-għan."